GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Ref:** **DDLTS 15/2024**

**Minn:** **Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali (DDLTS)**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja)**

**Suġġett:** **Verżjoni addattata għat-tfal tal-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali**

**Data:** **27 ta' Mejju 2024**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali ppubblika d-dokument għall-konsultazzjoni pubblika tal-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali.

Biex jiġi żgurat is-suċċess ta' din l-istrateġija, bħala partijiet interessati ewlenin, it-tfal huma mħeġġa jipprovdu l-kummenti tagħhom. Id-Direttorat huwa impenjat li jiffaċilita l-proċess biex jiżgura li l-perspettivi tat-tfal jingħataw l-importanza mistħoqqa u li jiffurmaw parti integrali mill-politiki u l-inizjattivi li se jsawru l-futur tagħhom. B' kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-tfal, id-Direttorat provda wkoll il-verżjoni addattata għat-tfal ta' dan id-dokument ta' konsultazzjoni; dan huwa aċċessibbli onlajn fuq: https://empoweringchildren.gov.mt/digital-education-strategy/.

Il-Kapijiet tal-iskejjel huma għalhekk mitluba jqajmu għarfien dwar din il-verżjoni tal-istrateġija billi jgħaddu din il-ħolqa lit-tfal, ġenituri u kustodji.

Id-dokument bil-Malti tal-konsultazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Edukazzjoni Diġitali jinsab fuq: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2024/04/Maltese-Book-FOR-WEB.pdf

Il-ktejjeb bl-Ingliż: https://digitalliteracy.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2024/04/English-Book-FOR-WEB.pdf

Il-kummenti se jintlaqgħu sat-28 ta' Ġunju 2024 fuq digital.edu.strategy.meyr@gov.mt

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**